# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

Rikors Guramentat Numru: 40/2023SG

Michael Axiaq

vs

Direttur tar-Reġistru Pubbliku

**Illum il-Ħamis, 19 ta' Ottubru 2023**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-18 ta' April 2023 fejn ġie premess u mitlub is-segwenti:

*Illi l-attur Michael Axiaq twieled nhar l-għaxra (10) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija tmienja u hamsin (1958) u dana hekk kif evidenti mill-att tat-twelid tiegħu stess li jġib in-numru ta' iskrizzjoni erba' mija, tnejn u għoxrin tas-sena elf disa' mija tmienja u ħamsin (422/1958) u li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument A;*

*Illi fuq l-istess att u taħt iż-żewġ kolonni intitolati 'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur ġew imniżżla l-ismijiet 'Francis Axiak (Iż-Żebbug (Ghawdex) Malta)' u Margaret Axiak at birth Camilleri (Iż-Żebbug (Ghawdex) Malta) u dana minflok 1-ismijiet 'Francis Axiaq (Iż-Żebbug (Ghawdex) Malta)' u Margaret Axiaq at birth Camilleri (Iż-Żebbuġ (Ghawdex) Malta);*

*Illi jirriżulta wkoll illi fuq il-karta tal-identita' tal-esponenti saret skorretezza oħra u dana għar-raġuni illi ismu ġie mniżżel bħala 'Michael Axiak' u mhux bħala 'Michael Axiaq' liema dokument qiegħed jigi hawn anness u mmarkat bħala Dokument B;*

*Illi l-kunjom tal-familja tal-esponenti huwa dak ta' 'Axiaq' u mhux 'Axiak' u dana hekk kif jirriżulta mill-att taż-żwieġ tal-ġenituri tiegħu liema att għandu numru ta' iskrizzjoni mija sebgħa u għoxrin tas-sena elf disa' mija tnejn u ħamsin (127/1952) liema dokument qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument Ċ;*

*Illi l-kunjom korrett u cioe' l-kunjom 'Axiaq' jirriżulta wkoll miċ-ċertifikat tal-mewt ta' missier l-esponenti liema ċertifikat huwa maħruġ mid-Djoċesi ta' Għawdex Parroċċa Santa Marija Inkurunata, Żebbug, Għawdex fejn isem u kunjom ta' missier l-esponenti huwa mniżżel korretament bħala 'Francis Axiaq.' Liema dokument qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument D;*

*Illi b'żieda ma' dan, prova oħra li l-kunjom tal-familja tal-esponenti huwa 'Axiaq' u mhux 'Axiak' hija l-karta tal-identita' li huwa kellu qabel ma bidilha minħabba l-fatt li mar jirrisjedi ġo residenza ġdida, fejn ismu u kunjomu mniżżlin bħala 'Michael Axiaq' u mhux bħala 'Michael Axiak' kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dokument E;*

*Illi b'żieda ma' dan ukoll mil-liċenzja tas-sewqan, miċ-ċertifikat ta' gradwazzjoni tiegħu bħala infermier, minn korripondenza ma' entitajiet pubbliċi, ittri maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali u mid-Dipartiment tat-Taxx Interni u anke kuntratti pubblici hawn annessi kollettivament bħala Dokument F il-kunjom tiegħu dejjem ġie indikat bħala Axiaq u mhux Axiak.*

*Illi apparti minn hekk, l-esponenti dejjem iffirma kunjomu bħala 'Axiaq' u mhux 'Axiak' u dana hekk kif evidenti mill-kopji tal-karti tal-identita' annessi u mmarkati bħala Dokument Bu Dokument F;*

*Illi minn dawn id-dokumenti provduti għalhekk huwa evidenti li dawn huma skorrettezzi cari pero' li qegħdin iwasslu għall-inkonvenjent għar-rikorrenti fil-ħajja ta' kuljum;*

*Illi dina l-proċedura qiegħda ssir ai termini tal Artikoli 253 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, l-attur umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-esponenti li jġib in-numru ta' iskrizzjoni erba' mija, tnejn u għoxrin tas-sena elf disa' mija tmienja u ħamsin (422/1958) billi taħt iż- żewġ kolonni intitolati 'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal- ġenitur l-ismijiet 'Francis Axiak (Iż-Żebbug (Għawdex) Malta)' u Margaret Axiak at birth Camilleri (Iż-Żebbug (Għawdex) Malta)' jiġu sostitwiti bl-ismijiet 'Francis Axiaq (Iż- Zebbug (Għawdex) Malta)' u Margaret Axiaq at birth Camilleri (Iż-Żebbug (Għawdex) Malta)' biex b'hekk il-kunjom jiġi jaqra 'Axiaq' u mhux 'Axiak''*

2. *Tordna l-istess korrezzjoni għandha ssiru mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dana ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku u bl-ingunzjoni għas-subizzjoni ilil għaliha minn issa int ngunt.*

Rat ir-risposta tad-Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex ippreżentata fis-17 ta' Mejju 2023 fejn ġie eċċepit:

1. *Illi in limine litis huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax il-ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal- Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi bla pregudizzju, l-esponent jirrileva illi l-ebda talba tar-rikorrent ma tistax tiġi milqugħa, stante li r-rikorrent ma jistgħax jitlob għall-korrezzjoni u dan għaliex ma jirriżultax mid-dokumenti li ġew meħmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data ta' registrazzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent Michael Axiaq kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni. Illi infatti l-Att tat-Twelid tiegħu jirrifletti u sar a bażi taċ-ċertifikati preċedenti tal-familja tiegħu, ċjoe' a bażi taċ-ċertifikat tat-twelid ta' missier. ir-rikorrent Francesco Axiak numru sitt mija u sitta u ħamsin tas-sena elf disa' mija u erbgħa u għoxrin (656/1924) (kopja annessa u mmarkata Dok. 'DRP 1');*

3. *Illi in oltre, a bażi taċ-ċertifikat taż-żwieġ tan-nanniet paterni tar-rikorrent ċjoe' ta' Raffaele Asciack u Gesualda Camilleri numru sebgħa u għoxrin tas-sena elf disa' mija u sebgħa (27/1907) (kopja annessa u mmarkata Dok. 'DRP 2'), joħroġ li l-kunjom tal- familja kien Asciack u nqaleb għal Axiak;*

4. *Illi, gialadarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni, jsegwi li l-ebda bidla jew żieda ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi att ta' l-istat ċivili skont id-dettami ta' l-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant it- talbiet tar-rikorrent msejsin kif inhuma fuq il-korrezzjoni ma jistgħux jiġu milqugħa;*

5. *Illi madanakollu, bla preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent lanqas ma jista' jitlob l-awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni tiegħu jiġu mibdula b'mod li jinkwadraw ruħhom taħt il-parametri msemmija fl-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan qiegħed jiġi rilevat stante li l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta tagħti l-fakulta sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, f'każ fejn persuna jġib il-provi meħtieġa, tawtorizza annotazzjoni fuq l-att tat-twelid rispettiv sabiex tali persuna tista' tiġi magħrufa b'isem ieħor, u mhux b'kunjom ieħor. Illi l-esponent itenni illi r-rikorrent intavola l-azzjoni tiegħu sabiex ibiddel l-kunjom tiegħu u mhux ismu minn fuq l-Att tat-Twelid tiegħu meta dan is- sub-artikolu (2) huwa limitat biss għal bdil fl-atti tat-twelid;*

6. *Illi subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal- kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors guramentat u għalhekk għal dak li*

*għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħhu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l- aħjar u sodisfacenti f'għajnejn il-liġi;*

7. *Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, 1- azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' agir ta' l- esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoggettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jigu ingunti in subizzjoni.*

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati.

Semgħet il-provi.

Rat l-atti kollha.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi mressqa jirriżulta li r-rikorrenti dejjem utilizza l-kunjom ta' 'Axiaq' u dan kif jemani minn evalwazzjoni tal-karta ta' l-identita' preċedent tar-rikorrenti (Dokument E anness mar-rikors promotur) u sett ta' dokumenti oħra eżebiti bħala Dokument F mar-rikors promotur.

Jirriżulta wkoll miċ-ċertifikat taż-żwieġ tal-ġenituri tar-rikorrenti eżebit bħala Dokument C mar-rikors promotur, illi l-kunjom tal-familja ġie mniżżel bħala 'Axiaq'. Anke fiċ-ċertifikat tal-mewt ta' missier ir-rikorrenti maħruġ mid-Djoċesi ta' Għawdex u eżebit bħala Dokument D irriżulta li l-kunjom ta' missier ir-rikorrenti huwa 'Axiaq'. Tressqu wkoll atti pubbliċi fosthom kuntratt datat 27 ta' Ġunju 1997 eżebit bħala Dok MA3; żewg prokuri eżebiti bħala Dok MA1 u MA2 u testment eżebit bħala MA9, li fihom il-kunjom tal-ġenituri tar-rikorrenti ġie mniżżel bħala 'Axiaq'.

Mill-fatti li għandha quddiemha din il-Qorti, ma jirriżultax li t-talba tar-rikorrenti ġiet vantata kapriċċożament. Huwa minnu li l-korrezzjoni ta' kunjom hija imprekattiva legalment għax tista' ssir biss jekk jirriżulta li kien hemm żball f'dak il-kunjom kif reġistrat. In fatti, il-Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet John Zammit magħruf bħala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku, deċiża fit-2 ta' Marzu, 1994 ikkonkludiet illi:

*"… Ghal din it-talba d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma oggezzjonax u fil-fatt inghata digriet f'dan is-sens. Din il-korrezzjoni hija ferm importanti biex dak li jitlob l-attur jista' jigi milqugh, stante illi b'dan l-Att tat-Twelid tieghu m'huwiex se jigi korrett u b'hekk kwalunkwe dritt jew pretenzjoni li ghandhom terzi persuni zgur se jkunu mharsin. Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma' certu ndividwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak lindividwu b'mod kemm jista' jkun komplet, u kien proprju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza*

*kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, il-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jigi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti nfatti qalet hekk:- "Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicato".*

Madanakollu, fil-każ odjern, irriżulta li l-kunjom huwa in fatti Axiaq iżda għal xi raġuni, fl-atti tat-twelid mertu ta' din il-kawża, dan il-kunjom ġie indikat b' mod żbaljat. Illi in vista tas-suespost jirriżulta li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu milqugħa.

Finalment u in parentesi għandhu jiġi sottolinjat li mill-atti proċesswali jirriżulta li d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta saret u għalhekk din il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' eċċezzjonijiet imressqa f' dan ir-rigward.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiċħad dawk l-eċċezzjonijiet ta' l-intimata safejn inkompatibbli ma' din is-sentenza.

L-ispejjeż għandhom jiġu sopportati mir-rikorrenti.

(ft) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur